# Il-bini tal-Knisja Parrokkjali l-ġdida (1926-1951)

*Conrad D'Amato*

**Introduzzjoni**

Il-bini tal-knisja parrokkjali u x-xogħol artistiku konness magħha, għandhom importanza kbira fin-nisġa tal-ħajja tal-poplu. Dan għaliex huma xhieda qawwija tal-ħajja soċjo-reliġjuża ta' pajjiżna.

Meta nqisu ċ-ċokon ta' gżiritna, nirrealizzaw kemm Malta hi waħda mill-aktar pajjiżi rikki fid-dinja f'dik li hi arti u arkitettura li nsibu fil-knejjes tagħna. Uħud minn dawn il-knejjes joħduna mijiet ta' snin lura, sa minn meta oriġinaw, żviluppaw u ħadu s-sura li għandhom illum. Però sfortunatament tul il-medda tas-snin ħafna dokumenti antiki dwar dawn il-binjiet ġew mitlufa, bil-konsegwenza li llum ninsabu mċaħda minn ħafna fatti storiċi li żgur ma jgħaddux minn moħħna.

F'Birżebbuġa l-istorja tal-knisja parrokkjali preżenti toħodna lura għall-ewwel kwart tas-seklu għoxrin. Sfortunatament jeżiżtu diversi fatti li m'humiex magħrufa minħabba xi dokumenti li jinsabu mitlufa, jew minħabba storja li qatt ma nkitbet bħala xhieda ta' dak li tabilħaqq ġara. Riċerka li saret fl-aħħar snin minn membri tal-Għaqda Storja u Kultura, tefgħet dawl ġdid fuq diversi ġrajjiet li seħħew tassew. Daqqa t'għajn lejn il-faċċata ta' dan it-tempju, iġiegħlek tieqaf ftit u taħseb fuq il-kapaċità ta' min fassalha, min bniha u min ta sehemu sabiex proġett kbir bħal dan seta' jitwettaq. Propju din is-sena jaħbat għeluq id-90 sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tagħha, kif ukoll il-65 sena minn meta ġiet kompluta. Għalhekk xieraq li nagħtu ftit tagħrif dwar l-istorja li tul is-seklu għoxrin sawret il-knisja li għandna llum.

**Il-formazzjoni bikrija tar-raħal u l-ewwel Knisja Parrokkjali**

Tul il-ħakma tal-Ordni f'pajjiżna, l-inħawi ta' Birżebbuġa kienu diżabitati għall-aħħar minħabba l-preżenza tal-piraterija tal-baħar, li kienu ta' spiss jinżlu tul ix-xtajta u jisirqu kull ma jiġi għal idejhom. Iktar ma beda jgħaddi ż-żmien dan kollu beda jbatti, tant li naraw li sas-seklu 18 bdew jidhru l-ewwel indikazzjonijiet ta' residenzi l-aktar fl-inħawi ta' Bengħajsa u Ħal Far. Sa min-nofs is-seklu 19, iż-żewġ bajjiet ta' Birżebbuġa, dik ta' San Ġorġ u l-Bajja s-Sabiħa, bdew jattiraw diversi nies, l-aktar dawk nobbli mill-Kottonera sabiex fihom iqattgħu l-btajjel tas-Sajf għall-kwiet li kien jikkuntrasta bil-kbir mal-ibliet. Dan kollu wassal sabiex tul dawn iż-żewġ bajjiet inbnew diversi djar ta' villeġġatura għas-Sajf għal dawn in-nobbli. Magħhom irridu nsemmu wkoll id-diversi djar li kienu r-residenza permanenti għal ftit familji foqra li kienu jgħixu hawn, li kważi kollha kienu jaqgħilu l-għajxien tagħhom mir-raba' jew mill-baħar.

Wieħed minn dawn il-villeġjanti tas-sajf kien il-Kanonku Bormliż Dun Spiridione Penza li malli beda jinnota żieda fil-popolazzjoni daħħalha f'rasu li jibni knisja bil-għan li tiġi mwaqqfa bħala parroċċa. L-ewwel knisja parrokkjali ta' Birżebbuġa, iddedikata lil Marija Addolorata, ma kienet xejn għajr remissa li kienet propjetà tan-nobbli Paolino Attard Montaldo mill-Isla. Din ir-remissa kienet tagħmel parti minn dar kbira li fil-bidu tas-seklu 20 l-istess nobbli kien bena fil-bajja s-Sabiħa għall-btajjet tiegħu tas-Sajf. Din il-knisja kienet ġiet miftuħa u mbierka mill-Isqof Pietru Pace nhar l-14 ta' Awwissu tal-1907 fejn dakinhar kien sar pontifikal li kien immexxi mill-Isqof Spiridione Polomeni. Naraw li tul is-snin din il-knisja għamlet avvanzi kbar li ħafna minnhom kienu riżultat ta' diversi donazzjonijiet min-nies nobbli li kienu jkunu hawn fix-xhur sajfin. Fost dawn l-avvanzi nistgħu nsemmu t-tkabbir tal-knisja nnifisha, artal tal-injam komplut bl-inkwadru titulari, vara titulari tal-kartapesta li waslet nhar is-17 ta' Awwissu tal-1910, u l-bini tal-faċċata li naraw illum li tlestiet f'Jannar tal-1910. Din il-knisja ġiet imwaqqfa parroċċa mill-Isqof Pietru Pace nhar id-9 ta' Settembru tal-1913 u l-ewwel kappillan tagħha kien il-Kanonku Bormliż Dun Karm Buġelli.

**Żminijiet iebsa għall-Parroċċa**

Ġara li fit-3 ta' Awwissu tal-1914 faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija, u Malta kellha rwol importanti għall-Alleati fejn baqgħet magħrufa bħala l-Infermiera tal-Mediterran. Il-Bajja ta' Kalafrana ġiet magħżula sabiex fiha jinbena *Torpedo Depot* għall-bażi Ngliża, filwaqt li fl-istess sena l-kumpanija *Shell* ħadet biċċa art fl-inħawi 'tan-Nagħaġ' fejn bniet impjant kbir għall-ħażna taż-żejt industrijali. Barra minn hekk fuq il-pjanura ta' Ħal Far inbena mitjar militari. Dan l-iżvilupp kollu wassal sabiex il-popolazzjoni tikber b'rata ferm mgħaġġla minħabba l-fatt li dawn il-ħaddiema bdew iffitxu li jiġu joqgħodu qrib il-post tax-xogħol tagħhom. Għalhekk ma għaddiex wisq żmien sakemm il-knisja ta' Marija Addolorata saret żgħira. Ġara li lejn l-aħħar tal-1916 din il-knisja kienet waqgħet fi djun kbar tant li l-kappillan Buġelli kien talab sabiex din il-knisja tingħalaq u l-propjetà tingħata lill-kredituri filwaqt li s-sede parrokkjali tiġi trasferita għall-knisja tas-Sagra Familja fi Triq iż-Żurrieq. Jidher li bil-ġenerożità ta' diversi benefatturi, din il-problema ġiet solvuta tant li

l-kappillan Buġelli beda jara kif ħa jagħmel sabiex jibni knisja parrokkjali ġdida li tkun tista' taqdi l-popolazzjoni li kienet għad trid tikber.

Nhar l-10 ta' Settembru tal-1917 il-kappillan Buġelli kien għamel rikors sabiex tinbena knisja parrokkjali ġdida u minnufih beda l-ġbir li però kien fqir wisq. Ġara li nhar it-8 ta' Marzu tal-1921 il-kappillan Buġelli kien irreżenja minn kappillan sabiex ikun jista` jikkontesta l-ewwel Elezzjoni Ġenerali minn wara l-għoti tal-kostituzzjoni l-ġdida, mal-partit *Unione Popolare Maltese* li rebaħ din l-ewwel elezzjoni. B'riżultat ta' dan, Birżebbuġa għamlet tliet snin mingħajr kappillan, sakemm fit-3 ta' Frar tal-1924 Dun Anġlu Fenech minn Ħal Lija ħa l-pussess bħala l-kappillan il-ġdid. Dan is-saċerdot ta' 42 sena daħħalha f'rasu li jibni knisja ġdida, u ma kienx kuntent qabel ra lestha!



*Dun Anġ Fenech*

**Il-bidu tal-bini tal-knisja**

Ġiet magħżula biċċa art fil-Brolli magħrufa bħala "Tad-Dukkiena" li ċ-ċens tagħha kien imħolli għall-kappella ta' San Anġlu li kien hemm f'Ħal Far, bħala l-aktar post ċentrali fejn meta jintemm il-pjan regolatorju li kien hemm maħsub, din il-knisja tiġi f'nofs dawk it-toroq li kienu ppjanati. Għalhekk sabiex ma jinħeliex żmien ġie mqabbad il-Perit Godwin H. Galizia li għamel il-pjanta tagħha fuq stil Sikolu Normann. Għalkemm f'dak iż-żmien l-istil tagħha kien wieħed rari, jidher li kien intgħoġob tant li meta l-Isqof Caruana ra l-pjanta, sabiex jagħmel kuraġġ lill-kappillan offra l-ewwel 30 Lira minn butu. Nhar il-Ħadd 14 ta' Marzu tal-1926 il-kappillan Fenech flimkien ma' diversi parruċċani oħra daħal ġo għalqa u ħawwel salib li kien jindika l-post fejn kellu jiġi l-artal maġġur. Dakinhar inbeda it-tħaffir għall-pedamenti taħt is-supervizjoni tal-Perit Giuseppe Terreni. Nistgħu ngħidu li din il-ġurnata tat bidu għal 25 sena storja li matulhom inbniet din il-knisja.



*L-Isqof Caruana jasal għat-tqegħid tal-ewwel ġebla.*

Sa dakinhar ħadd ma kien għaddielu minn moħħu li l-knisja ma kenetx se tkun iddedikata lil Maria Addolorata bħal knisja l-antika. Biss fuq xewqa tal-Isqof Caruana din il-knisja ġiet iddedikata lil San Pietru, minħabba l-fatt li f'Malta ma kienx hawn parroċċa ddedikata lil dan il-qaddis. Sfortunantament din l-aħbar ma tantx intlaqgħet tajjeb mill-parruċċani u kienu ħafna li ħaduha bi kbira li l-Madonna tad-Duluri ma kenitx ser tibqa' t-titular tal-parroċċa.

**It-tqegħid tal-ewwel ġebla**

Kien il-Ħadd 29 ta' Awwissu tal-1926 meta dakinhar ġiet imqiegħeda bl-aktar mod solenni l-ewwel ġebla ta' din il-knisja. Fil-5.30 ta' filgħaxija l-Isqof Mauro Caruana flimkien maċ-ċerimonjier tiegħu Mons. Antonio Bonnici waslu Birżebbuġa fejn ġew milqugħha mill-kappillan Fenech. Magħhom waslu Mons. Giuseppe De Piro u Mons. Ġann Battist Buhagiar. Jingħad li l-ewwel kappillan Dun Karm Buġelli kien ukoll preżenti. Dawk in-nies li kienu kontra l-bidla fit-titular, bħala protesta kienu telgħu fuq għolja fejn illum hemm il-mużew tal-bniet u qagħdu jaraw iċ-ċerimonja minn hemm mingħajr ma taw l-ebda fastidju. Imbagħad l-Isqof libes l-ilbies pontifikali tiegħu u bierek il-pedamenti tal-knisja kollha. Wara sar talb skont ir-ritwal Ruman u l-kant tal-Litanija tal-qaddisin. Imbagħad il-Perit Terreni newwillu kazzola bit-tajn, u wara li qiegħed pergamena bi skrizzjoni bil-latin flimkien ma` xi midalji u muniti, l-Isqof sammar il-ġebla f'postha.



*Il-mument tat-tqegħid tal-ewwel ġebla.*

**Jibda x-Xogħol u l-Ġbir ta' Flus**

Hekk kif ġiet imqiegħda l-ewwel ġebla, beda x-xogħol fuq il-bini. L-ewwel ma beda jinbena kien il-kor. Jidher li għall-bidu l-bini inbeda fuq il-ħitan ta' barra tad-dawra kollha tal-knisja, biss meta waslu fl-għoli ta' madwar sular u nofs iddeċidew li jkun aħjar li jibdew jibnu l-knisja minn wara u jibqgħu mexjin bil-bini lejn il-faċċata. Għalhekk l-ewwel ma nbniet kienet id-dar parrokjali li tinsab

eżatt wara l-knisja. Imbagħad tkompla l-bini fuq il-kor sakemm isaqqfet l-arzella l-kbira. Wara ssokta l-bini fuq il-kappelluni u l-ġnub.


*Il-knisja waqt il-bini tat-torrijiet fl-1947*

L-ikbar uġiegħ ta' ras li kellu l-kappillan Fenech kien il-ġbir ta' flus. Kemm il-kappillan kif ukoll diversi ndividwi kienu jagħmlu ġabriet diretti mingħand in-nies. Kienu wkoll tqassmu kaxxi għad-donazzjonijiet fid-diversi ħwienet, bl-aktar tnejn li tinstab referenza għalihom kienu l-kaxxa li kien hemm fil-lukanda ta' Dowdall fil-Qajjenzu, u l-dik fil-forn tal-ħobż magħruf bħala tal-Fattu li jinsab fi Triq id-Duluri. Kienu jsiru diversi lotteriji msejħa 'tas-sold xelin' u anke fieri fejn il-baħar. Il-kappillan kien jissellef il-bitħa tad-dar tal-familja Randon li kienet tinsab faċċata tal-knisja, minflok fejn illum hemm il-każin tal-Banda San Pietru, sabiex fiha jorganizza attivitajiet bil-għan li jinġabru l-fondi meħtieġa. Kienu diversi l-professjonisti u n-nies nobbli li ħallew id-donazzjonijiet tagħhom li isimhom għadu miktub fir-rendikonti tal-ġbir. Darba fix-xahar il-kappillan kien jagħmel quddies għall-bżonnijiet tal-benefatturi kollha mhux biss dawk li kienu qed jgħinu b'mod finanzjarju, imma wkoll dawk li kienu qed jagħmlu xogħol manwali.

**It-tberik tal-ewwel parti tal-Knisja**

Sal-1937 kien hemm lesti l-kor, il-kappelluni u l-presbiterju. Għalhekk bil-permess tal-Isqof, dik il-ħnejja kbira li tifred il-presbiterju minn mal-korsija (is-saqaf il-kbir) ġiet imbarrata bil-ġebel u l-injam sabiex dik il-parti li kienet lesta setgħet tintuża għas-servizzi reliġjużi, minħabba li din il-parti biss kienet diġa` ikbar mill-knisja l-antika. Għalhekk nhar id-29 ta' Mejju tal-1937 ġiet imbierka l-ewwel parti tal-knisja minn Mons. Emmanuele Galea, fejn huwa dar dawra mal-knisja u berikha bil-ħaxixa tal-isopo. Wara, flimkien maċ-ċerimonjier tiegħu Mons. Giuseppe Camilleri, qaddes l-ewwel quddiesa fiha. Imbagħad nhar *Corpus Domini* tal-istess sena, jiġifieri l-Ħamis 16 ta' Ġunju, il-purċisjoni ħarġet għall-aħħar darba mill-knisja l-qadima u daħlet fil-knisja l-ġdida. B'hekk ġie transportat is-Sagrament Imqaddes, fejn dakinhar kien uffiċjalment inbidel it-titular tal-parroċċa.

**Pass 'l quddiem lejn it-tmiem**

Ix-xogħol kien għaddej b'ritmu mgħaġġel bil-ħsieb li jsaqqfu l-korsija ħalli b'hekk il-knisja tkun tista` tintuża kollha. Hekk kif tlestew il-ħitan u l-ħnejjiet tan-navi, inħadmu it-travi tas-saqaf il-kbir u kien se jibda x-xogħol sabiex dawn isibu posthom. Ġara li nhar 10 ta' Ġunju tal-1940, il-mexxej Taljan Benito Mussolini ddikjara gwerra mal-Gran Brittanja u dan kien ifisser li Malta kienet daħlet fil-gwerra. L-għada seħħ l-ewwel attakk mill-ajru fuq Malta, fejn l-ewwel bombi nżergħu propju fuq Kalafrana. Birżebbuġa ġiet evakwata min-nies minħabba li kienet fil-qalba tat-tiġrib. Il-gwerra ħolqot ostaklu kbir fil-bini tal-knisja tant li bejn Ġunju tal-1941 u Settembru tal-1944 ix-xogħol kien waqaf kompletament. Għalkemm diversi djar madwar il-knisja ġew imġarrfa, l-bini tal-knisja sofra biss ħsarat minimi.


*Ritratt tal-knisja hekk kif tlesta l-bini fuqha fl-1951*

Hekk kif għaddiet il-gwerra, tkompla x-xogħol tal-bini. Il-ħnejja li kienet tifred il-presbiterju minn mal-korsija nfetħet mill-ġebel u l-injam li kien jinbarraha u b'hekk il-knisja setgħet tintuża kollha. Però s-saqaf il-kbir kien għadu ma sarx u l-parruċċani kienu jużaw it-travi tal-knisja (li kienu għadhom mal-art) bħala bankijiet fejn ipoġġu bilqiegħda, huma u jisimgħu l-quddies mingħajr saqaf fuq rashom! F'Diċembru tal-1945 it-travi sabu posthom u minnufih inbeda x-xogħol sabiex ġie komplut is-saqaf li nħadem minn Salvatore Falzon taħt is-supervizjoni tal-Perit Giuseppe Colombo. Hekk kif tlesta s-saqaf tkompa x-xogħol fuq iż-żewġ torrijiet u l-frontispizju tal-faċċata li ġie fi tmiemu fl-1948. L-aħħar biċċa xogħol kien il-kostruzzjoni tal-kampnar għoli 40 metru, xogħol perikoluż għall-aħħar li fl-1951 ġab fi tmiemu l-bini tal-knisja.

Il-kappillan Fenech issa kien kiber f'età u għalhekk nhar is-7 ta' April tal-1952 hu temm 28 sena ta' ħidma f'Birżebbuġa. Dun Anġ kien l-iktar kappillan li dam jamministra lil din il-parroċċa. Kien kuntent li l-ħolma li kellu, dik li jilħaq jara l-knisja lesta, kien raha ssir realtà. Wara Dun Anġ leħaq Monsinjur tal-Katidral tal-Imdina u miet fit-13 ta' Jannar tal-1964 fl-għomor ta' 82 sena. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu midfuna fil-Katidral tal-Imdina.

**Xewqat mitmuma**
Dik kienet xewqa kbira li kellhom il-Birżebbuġin, xewqa li twettqet bis-sagrifiċċji u ċ-ċaħda ta' missirijietna. Għalkemm diversi nies ma kellhomx ix-xorti li jarawha lesta, żgur li kien ta' għaxqa għalihom li taw sehemhom sabiex din ix-xewqa tinqata'. Għalhekk aħna l-Birżebbuġin kollha, speċjalment iż-żagħżagħ, għandna napprezzaw it-tbatija u s-sagrifiċċji li batew missirijietna sabiex bnew din il-knisja li huma kienu l-inqas nies li gawdewha. Dan ir-rakkont jagħti fil-qosor l-istorja li sawwret il-knisja li għandna llum, liema storja għadha tissawwar sal-ġurnata tal-lum permezz tax-xogħol ta' restawr li għaddej fuq il-vara titulari li mingħajr dubju hi l-attrazzjoni prinċipali ta' din il-knisja. Ikun tabilħaqq xieraq li nagħtu s-sehem tagħna sabiex nikkonservaw dak kollu li ħadmu għalih missirijietna u ngħadduh li ta' warajna jekk jista' jkun f'kundizzjoni aħjar milli sibnih.

Il-faċċata tal-knisja tagħna, milquta mir-raġġi mdebha tax-xemx fietla fiż-żerniq, hi xena li tabilħaqq issaħħar. Għalina din ix-xena għandha tkun id-dawl li jinfed ġod-dlam. Kull darba li minn fejn inkunu nilmħu l-quċċata tal-kampnar jinfed is-smewwiet, jew nisimgħu l-ħoss sabiħ tal-qniepen, għandna niftakru li hemm fuq hemm min tassew iħobbna u li dejjem lest li jilqgħana fi Ħdanu b'imħabba ta' Missier.


Cherries Take-Away
34, 35 Pretty Bay Birżebbuġa
Kebabs & Pizza
Mob: 99226766

EASTERN
MINI-MARKET
St Catherine Street, Birzebbuga
Mob: 99253547
FREE DELIVERIES